**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 287/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs.**

**Matthew Farrugia**

Illum il- 25 ta' Ottubru 2022

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Matthew Farrugia ta' 34 sena, iben Joseph u Antoinette, xebba Grech imwieled Pieta, nhar il-21 ta' Frar 1986 u residenti, Aurora, Triq Pietru Dacoutrous, Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0116186M akkuzat talli:

Nhar il- 26 ta' Gunju 2020, fis-sighat ta' filghaxija, gewwa Triq San Pawl il-Bahar minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Isaac Bertuello

f'periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis- sahha liema hsara hija ta' natura gravi, bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal- Artikolu 338(dd) tal- Kapitolu 9 talLigijiet ta ' Malta

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' ta' 1-imsemmi Isacc Bertuello u tapplika 1-provedimenti tal- Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta ' Malta u tohrog ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-21 ta' Lulju 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 42, 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Folio 146 ta' l-atti processwali
[2] Folio 153 ta' l-atti processwali

e. Fl-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-30 ta' Novembru 2021.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-8 ta' Gunju 2022.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2022.[6]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

---

[3] Folio 148 ta' l-atti processwali
[4] Folio 149 ta' l-atti processwali
[5] Folio 169 ta' l-atti processwali
[6] Folio 169 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal-lejl tas-26 ta' Gunju 2020 meta l-pulizija gew infurmati li kien hemm argument ghaddej hdejn *boat house* gewwa l-Qawra fejn il-vittma, certu Isaac Bertuello qala daqqiet ta' ponn minn ghand l-imputat.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2020 xehed **PS 1147 Antoine Fenech**[7], stazzjonat fit-Taqsima Forensika, li stqarr li kien gie mitlub sabiex jaccedi f'*boathouse* fi Triq ix-Xtut, San Pawl il-Bahar u jaghmel estrazzjoni ta' filmati CCTV relattivi ghall-jum tas-26 ta' Gunju 2020 bejn 18:30hrs u 18:40hrs. Huwa wettaq dan l-inkarigu u pprezenta CD bil-filmat rikjest.

Fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020 xehdet **id-dentista Dr Rebecca Sammut**[8]. Ikkonfermat li kienet ezaminat lill-parte civile Isaac Bertuello, li kien pazjent regolari taghha. Spjegat li hija kienet rat lill-Bertuello l-ghada tal-incident in kwistjoni fejn kien irrizultalha li kellu sinna fuq quddiem tax-xedaq ta' taht imkissra filwaqt li kellu sinna ohra fix-xedaq ta' fuq qed ticcaqlaq. Bertuello kien qalilha li fil-gurnata ta' qabel kien qala' daqqa fuq wiccu u kien inkwetat dwar snienu, specjalment minhabba li s-sinna mkissra kienet vizibbli hafna fuq quddiem. Ix-xhud gharfet il-firma u t-timbru taghha fuq ic-certifikat mahrug

[7] Folio 29-30 minn wara u quddiem
[8] Folio 38-44 ta' l-atti processwali

minnha[9] u kkonfermat il-korrettezza ta' dan id-dokument. Illi f'dan id-dokument jirrizulta li meta ezamintu, l-vittma *"patient presented with nose cast"*. Irrizulta li kellu sinna *"Lower left central is chipped (missing incisal edge), tooth not mobile but tender to percussion.*

Wara li l-pazjent gie ezaminat gie konstatat *"Radiographs were taken; some periapical widening on upper central teeth was noted alongside chipped lower tooth indicating substantial force of impact."*[10]

Fl-istess seduta xehdet **WPC 337 Eunice Duncan[11]**, stazzjonata fl-Ghassa tal-Qawra, li spjegat li nhar is-26 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-23:31hrs dahal rapport minn certu Isaac Bertuello li waqt li kien hdejn il-*boathouse* tieghu fil-Qawra, kien hemm xi rgiel illi tawh xebgha bil-ponn. Il-kwerelant spjega li ghall-habta tas-18:00hrs kien talab lil sid karrozza li kien hemm ipparkjata quddiem il-garaxx tieghu sabiex iressqulu u dan hekk ghamel minghajr problema. Imbaghad, ghall-habta tas-19:00 huwa kien qed jahsel il-karru tad-dghajsa tieghu. Fil-pront gie ragel u talbu biex iressaq il-karru sabiex ikun jista' jghaddi bil-karozza. Il-kwerelant qallu sabiex *"jaghtih minuta"* u jressaqlu. F'daqqa u l-hin, dan ir-ragel infexx jidghi u qal lill-kwerelant li kien qed idum apposta filwaqt li qabad gebla biex iwaddabha u hedded lill-kwerelant li kien ser *"jifqalu wiccu"* tant li *"ma jibqax jingharaf"*. Il-kwerelant kompla jispjega li imbaghad mar fuqu l-imputat Matthew Farrugia u tah daqqa ta' ponn bil-konsegwenza li tefghu mal-art u malli kien mal-art, persuni ohrajn bdew jaghtuh. Wara baqa' sejjer dritt l-Isptar Mater Dei. Ix-xhud gharfet lill-kwerelant u lill-imputat fl-awla. Ix-xhud kienet ukoll reponsabbli ghat-tehid tar-rapport tal-pulizija bir-referenza NPS 9/V/2605/2020.[12] Illi mill-istess okkorrenza irrizulta li meta gie mitkellem l-imputat huwa kien ikkorrobora l-

[9] Dok RS1, Folio 45 ta' l-atti processwali
[10] Folio 45 ta' l-atti processwali
[11] Folio 46-51 ta' l-atti processwali
[12] Dok CC3, Folio 12-16 u Dok ED1, Folio 52-57 ta' l-atti processwali

verzjoni moghtija minn certu Joseph Vella u filwaqt li cahad li kien tah daqqiet ta ponn *"u zied jghid li huwa kien imbuttah."*[13]

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr Karl Bonavia Med Reg 3946**[14], adett fl-Isptar Mater Dei, li kkonferma li huwa kien irrilaxxja certifikat mediku nhar is-26 ta' Gunju 2020.[15] Spjega li huwa kien ezamina lill-parte civile Isaac Bertuello fejn kien irrizulta li kien hemm tbengil fuq in-naha tal-lemin madwar l-ghajn u taht l-ghajn. Bertuello kien qed jilmenta ukoll minn ugiegh fil-gog tal-lemin meta jiftah halqu. Kien hemm ukoll ksur fl-ghadma tal-imnieher. Ix-xhud innota wahda mis-snien t'isfel maqsuma. Il-griehi gew certifikati bhala ta' natura gravi.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr Matthew Degabriele Med Reg No. 4202**[16], adett fl-Isptar Mater Dei, li kkonferma li huwa kien irilaxxja c-certifikat mediku nhar is-26 ta' Gunju 2020.[17] Dan ix-xhud ezamina lill-parte civile Isaac Bertuello mill-lat oftalmiku biss u kien ikkostata li kien hemm tbengil madwar il-parti inferjuri tal-ghajn leminija, tbengila fuq il-parti l-bajda tal-ghajn, barxa fuq il-*cornea* u tbengil fuq wara tal-ghajn fuq ir-*retina*. Dawn il-griehi kienu gew klassifikati bhala "*slight save complications*".

Il-Qorti rat ukoll li l-prosekuzzjoni waqt l-udjenza tas-27 ta' Gunju 2020 esebit certifikat mediku tat-tabiba Dr. Agnes Portelli Med Reg No 2863 nhar is-26 ta' Gunju 2020.[18] Illi dan ic-certifikat jikkostata l-griehi bhala hfief salv kumplikazzjonijiet. Madankollu, il-prosekuzzjoni ma ressqetx it-tabiba sabiex tixhed u tikkonferma c-certifikat taghha.

---

[13] Folio 15 ta' l-atti processwali
[14] Folio 58-60 ta' l-atti processwali
[15] Folio 23 ta' l-atti processwali
[16] Folio 61-63 ta' l-atti processwali
[17] Folio 22 ta' l-atti processwali
[18] Dok CC7, Folio 21 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2020 xehed **PS 649 Joseph Buhagiar**[19], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan li spjega li fuq ordni tal-Ispettur Clayton Camilleri kien mar gewwa boathouse 45, Il-Qawra, sabiex jeleva filmat CCTV minn kamera li kien installata f'dak il-post. Is-sid tal-kamera, certu John Cassar, kien stqarr li ma kienx cert jekk il-kamera tahdimx u pprometta li jiccekkja u jinforma lill-Ghassa.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Clayton Camilleri**[20]**,** stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, li spjega kif nhar is-26 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-23:31hrs dahal rapport minn certu Isaac Bertuello li waqt li kien hdejn il-*boathouse* tieghu fil-Qawra, kien hemm xi rgiel illi tawh xebgha bil-ponn. Il-kwerelant kien gharaf lill-imputat Matthew Farrugia. Minn naha tieghu ix-xhud kien baghat ghall-imputat Matthew Farrugia fejn tkellem mieghu wara li tah is-soliti drittijiet. Ix-xhud tkellem ukoll ma certu Joseph Vella in konnessjoni mal-incidenza. Spjega li l-Pulizija kienet elevat filmati CCTV minn kamra li hemm f'post vicin. Ix-xhud tkellem ukoll mal-parte civile Isaac Bertuello ftit wara l-incident fejn dan prezenta ruhu bi griehi vizibbli fuq wiccu u kien liebes *cast* f'idu. Ix-xhud iccara li ghalkemm fil-bidu, il-kwerelant kien attribwixxa kollox lill-persuna wahda u cioe` lill- Matthew Farrugia, mill-filmati CCTV irrizulta li kien hemm persuna ohra involuta li kien Joseph Vella li deher bi briksa f'idu lest biex jaghti biha. Immedjatament qabel sehh l-incident, il-kwerelant jidher qed jahsel karru ta' dghajsa bil-pajp, liema karru kien imqabbad ma vettura 4x4. Ix-xhud spjega li jista' jkun li l-kwerelant kien imfixkel meta ghamel ir-rapport ghax kien ghadu kommoss wara l-incident. Waqt ix-xhieda tieghu, l-Ispettur esebixxa sensiela ta' ritratti.[21] Illi dawn huma ritratti tal-vittma fejn jidhru bic-car il-griehi sofferti

[19] Folio 68-69 ta' l-atti processwali
[20] Folio 70-75 ta' l-atti processwali
[21] Dok CC8, Folio 77-83

minnu fuq wiccu partikolarment imniehru u snienu, kif ukoll dirajgh u idu l-leminja.

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 xehed **il-parte civile Dr Isaac Bertuello**[22] li spjega li nhar il-Gimgha 26 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-17:30hrs huwa kien qieghed hdejn il-garaxxijiet li ghandu fil-Qawra sabiex inizzel id-dghajsa tieghu u jehodha Ta' Xbiex. Wara li nizzel id-dghajsa 'l bahar, tella' l-karru lura l-art u qabad jahslu. Ftit wara mar fuqu certu Joseph Vella u talbu biex iressaqlu biex jghaddi bil-karozza. Il-parte civile imbaghad dahhal il-karru fl-ewwel garaxx u kif qabad jiftah it-tieni garaxx biex idahhal il-karozza tieghu 4x4, mar fuqu dan Joseph Vella u beda jkellmu hazin u jheddu ghax skont hu, ma riedx icaqlaqlu. Fil-pront Vella qabad briksa u ghamilha ma' wicc il-parte civile. Gie bil-girja ghal fuqu l-imputat Matthew Farrugia li fajjarlu daqqa ta' ponn f'wiccu b'tant sahha li waqqghu mal-art u fargu.

*"…. u minn taht il-ghajn, rajt lil Matthew Farrugia…fejn rajtu gej bil-girja, u tani daqqa ta' ponn, li biha spiccajt mal-art."*[23]

Jaf li marru xi nisa li bdew izommu lill-aggressuri lura. Kif il-parte civile qam u prova jdahhal il-karozza rega' mar fuqu Joseph Vella u beda jinsolentah u jheddu u jghid li ma jibza' minn hadd wara li l-parte civile qallu li kien ser jaghmel rapport mal-Pulizija. Il-parte civile imbaghad tela' fuq id-dghajsa u saq sa Ta' Xbiex ghax beza' li jaghmlulu vendikazzjoni fuq id-dghajsa jekk ihalliha hemm. Minn Ta' Xbiex, wasslu habib tieghu sal-Isptar Mater Dei. Il-part civile spjega li Matthew Farrugia u Joseph Vella huma hbieb u ccara li attwalment, Matthew Farrugia kien tah daqqa ta' ponn fi spalltu u fl-istess waqt, Joseph Vella kien tah daqqa ta' ras f'wiccu. Dan deher car mill-filmat CCTV. Il-parte civile ipprezenta sensiela ta' ritratti mehuda ftit wara l-incident fejn fihom jidhru l-griehi li huwa sofra. Spjega li kien ukoll kiser idu minhabba li waqa'

[22] Folio 87-93 ta' l-atti processwali
[23] Folio 88 ta' l-atti processwali

fuqha[24] kif ukoll esebixxa USB li fiha jidhru tlett filmati mehuda minn CCTV li qabdu l-incident minn tlett angoli differenti[25]. Fi kliem il-parte civile, l-incident dam madwar zewg minuti.

**Il-parte civile Dr Isaac Bertuello** rega' ha l-pedana fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021[26] fejn waqt li gie muri l-filmat CCTV elevat, identifika lil Joseph Vella mill-filmat, li kien liebes flokk abjad u xorts ahmar u deher b'oggett f'idu. Il-parte civile gharaf ukoll lill-imputat Matthew Farrugia li kien liebes flokk u xorts homor. Identifika lilu nnifsu fil-filmat bhala l-persuna liebes flokk orangjo. Il-persuna femminili li tidher hija xi familjari ta' Joseph Vella jew Matthew Farrugia. Il-parte civile eskluda li kien b'xi mod iprovoka lill-imputat jew lil Joseph Vella u sostna li kien ser iressaq biex ikunu jistghu jghaddu kif mitlub.

Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021 xehed **it-Tabib Dr Mario Scerri[27]**, espert appuntat mill-Qorti, li spjega kif in espletazzjoni tal-inkarigu moghti lilu, kien invista lill-parte civile Dr Isaac Bertuello nhar it-3 ta' Novembru 2020. Il-griehi subiti kienu jikkonsistu f'*periorbital* haematoma madwar l-ghajn leminija akkumpanjata minn *subconjunctival haemorrhage*. Kien hemm prezenti ksur fl-ghadma tal-imnieher sinna maqsuma. Il-griehi gew certifikati bhala gravi *per durata*. L-espert ipprezenta rapport tieghu in sostenn ta' l-inkarigu tieghu.[28]

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021 xehed **Joseph Vella[29]**. Tajjeb jinghad li l-proceduri li kienu ttiehdu kontra x-xhud huma konkluzi b'mod definittiv. Spjega li l-incident in kwistjoni sehh wara li kien talab lill-parte civile sabiex iressaq il-karru tad-dghajsa sabiex ikun jista' jghaddi bil-karozza ghal hdejn il-*boathouse* tieghu. Ghaddew hames minuti u baqa' ma ressaqx u ghaddew

[24] Dok IB1, Folio 94-102 ta' l-atti processwali
[25] Dok IB2, Folio 102 ta' l-atti processwali
[26] Folio 120-128 ta' l-atti processwali
[27] Folio 109-111 ta' l-atti processwali
[28] Dok MS1, Folio 112-119 ta' l-atti processwali
[29] Folio 151-166 ta' l-atti processwali

kwarta u ghoxrin minuta u xorta baqa' ma ressaqx u ghalhekk inqala' argument fejn huwa *"imbotta lit-Tabib"* u l-imputat Matthew Farrugia *"gie minn wara"* u sa fejn jaf ix-xhud, *"ma ghamel xejn"* u fil-fatt eskluda li l-imputat u l-parte civile kienu gew fl-idejn. Rigward id-diskors li ntqal, ftakar li kien hemm xi tghajjir u offizi reciproki izda ma kien jiftakar x'kienu ezatt. Meta x-xhud gie muri l-filmat CCTV, ix-xhud spjega li f'hin minnhom, l-imputat Matthew Farrugia imbotta lill-parte civile u anke` ammetta li kellu f'idejh briksa izda kien pront iccara li telaqha minn idu wara ftit u allura ma ggielidx biha. Skont ix-xhud, l-incident ma damx wisq u hekk kif ikkwietaw l-afarrijiet, il-parte civile talq bid-dghajsa mill-Qawra u kien biss tard dakinhar ghall-habta tal-23:30hrs li mar jaghmel rapport mal-Pulizija. Ix-xhud ikkummenta li l-parte civile kien tkessah dakinhar meta beda jghid *"ma tafx min jien"* u diskors simili. Ikkonkluda milli qal li qabel ma xehed, kien iffirma skrittura private mal-parte civile u hallas €2,000 izda stqarr li ma jafx jispjega sewwa ghalfejn sar dan.[30]

Fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2022 xehdet **Stephania Calafato Testa[31]**, Assistant Registratur Qrati Kriminali li pprezentat kopja awtentika tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront ta' Joseph Vella nhar it-28 ta' Settembru 2021. Ikkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[32] ta' l-imputat ittiehdet nhar is-27 ta' Gunju 2020, u cioe l-ghadha ta' l-incident gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Clayton

[30] Dok AE1, Folio 167 ta' l-atti processwali
[31] Folio 170-171 ta' l-atti processwali
[32] Dok CC6, Folio 19-20 ta' l-atti processwali

Camilleri fil-prezenza ta' PC 649 J. Buhagiar u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li irrinunzja milli jezercita dan id-dritt.[33]

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq quddiem biss u wiegeb ghad-domandi li sarulu. Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat kien prezenti meta kien hemm id-dizgwit mal-vittma. L-imputat spjega li l-vittma kien qed ifixxkilhom milli jghaddu bil-karozza u s-sitwazzjoni eskalat b'tali mod li bdew joffendu lill-xulxin. Illi l-imputat jispjega li mbaghad *"gara li gara"*.[34] Madankollu ma jispecifikax iktar minn hekk u jzid biss li gew xi nies sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-guddizju jindika l-artikolu 214, 216(1)(a)(b) u (c) u 218(1)(a) u (b) bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

---

[33]Dok CC5, Folio 18 ta' l-atti processwali
[34] Folio 20 ta' l-atti processwali

L-artikolu 216(1)(a)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali jistqarr (hekk kif inhu aggornat illum):

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja; jew(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħdamill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

Illi l-artikolu 218(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali (hekk kif inhu aggornat illum) jistqarr:

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin. –*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Issa huwa minnu li d-determinazzjoni tat-tip ta' offiza hija determinazzjoni ta' fatt mholli ghall-gudikant tal-mertu, izda kien ikun ferm opportun li kieku l-prosekuzzjoni jew l-Avukat Generali jindikaw huma taht liema paragrafu ta' dawn id-disposizzjonijiet qed jistennew li tinstab htija, u mhux jindikaw hames paragrafi taht zewg gradi ta' offiza separati – il-gravi u l-gravissima.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[35]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[36] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[37] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda*

[35] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[36] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[37] Deciza 5 ta' Frar 1998

*mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[38],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mressqin ma hemmx dubju u lanqas kontestazzjoni li kemm l-imputat kif ukoll Bertuello kienu prezenti dakinhar ta' l-incident jew li kienu involuti f'argument li eskala. Li huwa kontestat huwa r-rwol u l-involviment ta' l-imputat.

Illi mill-provi mressqin jirrizulta li l-argument inizjalment kien beda bejn il-vittma Isaac Bertuello u certu Joseph Vella. Illi jidher li l-argument bejniethom eskala tant li Joseph Vella qabad briksa b'idejh it-tnejn u bhal donnu kien sejjer jitfaghha jew juzaha bhala arma kontra l-parti offiza. Huwa propju f'dan il-punt fejn l-imputat intervjena u fil-mument meta kienet ser teskala iktar, l-imputat dahal fix-xena bejn Vella u Bertuello. Illi skond Bertuello, l-imputat

[38] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

tah daqqa ta' ponn b'tali mod li minhabba fiha waqa', gie fuq idejh u kiser kemm imniehru kif ukoll kisser snienu. Illi minn naha l-ohra Vella jtenni li l-imputat qatt ma ta daqqa ta' ponn lil Bertuello jew imbuttah sabiex jigi evitat li l-arugment jeskala - iktar u iktar meta dak il-hin Vella kien refa' il-briksa b'idejh u kien sejjer ghal Bertuello. Min-naha tieghu l-imputat jammetti li mbuttah sabiex iferraq il-glieda izda jinnega li ta daqqa ta' ponn.

Mid-dokumenti ezebiti, partikolarment ic-certifikati medici jirrizulta li Bertuello kellu ksur f'imniehru kompatibbli ma daqqa ta' ponn. Mhuiex ikontestat lanqas li sofra l-griehi li jirrizultaw provati mix-xhieda tat-tobba u mic-certifikati medici.

Madankollu l-kwistjoni iddur dwar jekk dawk il-griehi li sofra Bertuello kienux sforz ta' l-intervent jew agir ta' l-imputat. Illi hawnhekk il-Qorti kellha l-beneficcju li tezamina tlett CCTV *footages* mehuda minn angoli differenti. Minn dawn ic-CCTV *footages* l-imputat, Bertuello kif ukoll Vella jidhru b'mod car. Il-Qorti ezaminat kemm ic-CD ezebit kif ukoll il-USB esebit mill-vittma stess.

Il-Qorti referenza partikolari ghal l-istess USB esebit minn Bertuello bir-referenza VID-20200702-WA0010 fil-parti fejn il-filmat jasal sat tnejn u ghoxrin sekonda.

Illi hawnhekk meta wiehed jara l-filmat kemm il-darba jara lil Vella mhux biss izomm briksa b'idu izda jidher ukoll imur ghal Bertuello u x'hin jasal vicin tiehgu, filwaqt li ma jaghtihx daqqa bil-briksa jidher li b'rasu jersaq vicin u jaghti daqqa ta' ras lil Bertuello fuq quddiem ta' wiccu. Bis-sahha ta' din id-daqqa Bertuello jidher li bl-impatt qed jersaq lura u sahansitra jaqa'. L-imputat matul dan kollu fil-parti meta jidher Vella jerfa l-briksa, imur jigi lejn l-incident u b'idu ix-xellugija jimbotta lil Bertuello, sabiex iwarrbu minn ma' Vella li ma kienx qed izomm il-kontroll.

Din il-Qorti wara li rat dan il-filmat kemm il-darba ma hijiex moralment konvinta li d-daqqa u l-waqa li sehhet kienet kagun ta' ghemil ta' l-imputat meta fil-filmat Vella jidher jaghti daqqa b'rasu lil Bertuello ftit qabel. Di piu, mil-filmat jidher ukoll li l-intenzjoni ta' l-imputat kient sabiex iferraq il-glieda u mhux sabiex jikontribwixxi ghaliha u dan qed jinghad ghaliex ezatt wara li Vella u Bertuello gew mifruda ma regax intervjena fizikament fil-konfront ta' Bertuello izda resaq lura.

Ghaldaqstant din il-Qorti a bazi tal-provi kif migjuba, il-kunflitt tal-provi fix-xhieda kif ukoll dak li jemergi mill-filmati ma tqisx li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli ghal-gudizzju u cioe fl-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(a)(b)(c), 42, 218(1)(a)(b), 338(dd), 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Matthew Farrugia **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Moghtija illum nhar il-25 ta' Ottubru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**